MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 119/2005

**Go p.l.c.**

**Vs**

**Vella Group Ltd (C 22149)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u sitta u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm1,046.10c), rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati fil-proprjeta` tas-socjeta` attrici fi Triq Aloisio, Qormi matul Ottubru, 2002 kif jirrizulta minn invoice Dok. B u minn rapport tal-pulizija Dok. C.

Bl-ispejjez inkluzi ta` l-ittra ufficcjali Dok. A u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 8 ta` Gunju, 2005 fejn giet ikkontestata t-talba attrici in vista tal-fatt li ma kinietx is-socjeta` konvenuta li kkawzat id-

danni. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna hsara fil-cables gewwa Triq Aloisio, Qormi li kien gie rrappurtat fl-4 ta` Ottubru, 2002 u li l-hsara x'aktarx kienet giet ikkawzata xi jumejn qabel, fit-2 ta` Ottubru, 2002. Il-konvenut jallega li ma kienx hu li kkawza tali hsara tant illi huwa kien ilu zmien twil li hadem fuq dan is-sit qabel ma giet irrappurtata l-hsara.

Illi jigi notat illi ghalkemm huwa minnu li l-kuntrattur ghandu r-responsabbilita` legali li jaghmel tajjeb ghal hsara li tigi kkagunata fuq sit fil-kors tax-xogholijiet ezegwiti, pero` xorta wahda tkun trid titressaq prova soddisfacenti minn min qed jallega dwar xi forma ta` nexus bejn il-hsara u l-kuntrattur li jkun hadem fl-inhawi u fiz-zmien ta` l-akkadut.

Illi s-socjeta` attrici resqet diversi affidavits li lkoll ighidu li l-hsara li saret fil-cables taghhom fit-triq in kwistjoni f'Ottubru, 2002 kienet giet ikkawzata mis-socjeta` konvenuta pero` ebda wiehed minn dawn ma jispjega kif u l-ghala wasal ghal tali konkluzzjoni.

Ix-xhud, Patrick Mallia jafferma li meta mar fuq il-post ta` l-incident sabiex jikkonstata l-hsara sab li din kienet tikkoncerna zewg cables li kienu jinstabu gewwa trinka miftuha.

Mir-rapport tal-pulizija a fol. 34 tal-process ghandu jirrizulta skond il-Kunsill Lokali li l-ahhar darba li nhareg permess f'dawk l-inhawi kien imur lura ghal Mejju ta` l-istess sena. Illi meta rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u mpjegat taghha, Mark Camilleri marru fuq is-sit tal-hsara mal-pulizija, dawn affermaw li x-xoghol ezegwit minnhom

kien sehh gimghatejn qabel u li huma ma kienux fil-fatt lahqu waslu saz-zona fejn grat il-hsara fil-cables. Jispjega li Jimmy Vella tas-socjeta` konvenuta kien indikalu fuq is-sit li t-trinka li ghamel hu kienet waslet il-boghod minn fejn kien hemm il-hsara. Dan ir-rapport gie kkonfermat minn PS 160 Mario Mifsud. Gie kkonstatat ukoll kif konfermat minn Patrick Mallia, ufficcjal tas-socjeta` attrici, illi f'dak iz-zmien haddiema taghhom stess (tal-Maltacom) kienu qed jaqilghu wicc l-art permezz ta` jackhammer u dana fil-vicinanzi fejn grat il-hsara fil-cables. Dan is-surgent jikkonferma wkoll illi fejn sar ix-xoghol tat-trinka, din kienet gia` tghattiet permezz ta` strixxa gdida tat-tarmac. Huwa ma setax jikkonferma jekk din l-istrixxa tarmac waslitx sa fejn grat il-hsara peress illi jallega li tal-Malatcom qatt ma kienu ndikawlu sewwa sew fejn kienu jinstabu l-cables maqtugha. Anzi dan l-istess xhud jissokta jispjega illi fit-triq in kwistjoni kien apparenti li saru diversi trinek godda tant illi tal-Maltacom bdew imeru lil xulxin dwar minn liema trinka kienet grat il-hsara in kwistjoni. In kontro ezami, is-surgent ighid li huwa mar fuq il-post dak in-nhar stess meta dahal ir-rapport u li seta` jinnota li kien hemm xi trinka miftuha. Haddiema u / jew ingenji tas-socjeta` konvenuta ma rax f'dawk l-inhawi anzi ra biss haddiema tal-Maltacom.

Jimmy Vella, direttur tas-socjeta` konvenuta xehed illi kienu baghatu ghalih l-ghassa madwar hmistax / tliet gimghat wara li kien lesta x-xoghol fit-triq in kwistjoni. Jispjega li din it-triq hija wahda dejqa u kwindi x-xoghol ta` l-iskavar sar b'mini excavator u bl-idejn. Ikkonferma wkoll illi tul il-kors tax-xogholijiet hadd ma kien irrapportalu ebda hsara.

Illi mill-provi mressqa fil-kaz in ezami, ghalkemm irrizulta tassew li kienet is-socjeta` konvenuta li hadmet fl-inhawi in kwistjoni u dana b'sub appalt minn socjeta` kummercjali ohra, mhux daqstant iehor wiehed jista` jqis li rrizultat provata xi forma ta` konnessjoni bejn il-hsara lamentata u x-xoghol ezegwit mis-socjeta` konvenuta.

L-ilmenti tan-nies bdew dehlin ghal habta tat-2 ta` Ottubru, 2002 filwaqt li s-socjeta` konvenuta kienet gia` lestiet ix-

xoghol lejn nofs Settembru, 2002. Tant hu hekk li fuq is-sit in kwistjoni ma kienu jidhru ebda ngenji jew haddiema tas-socjeta` konvenuta. Inoltre fuq is-sit in kwistjoni gie kkonstatat mis-surgent li kien hemm diversi trinek friski b’tarmac gdid u dawn kienu lkoll maghluqa. Illi l-unika trinka miftuha kienet dik fejn kienu qed iqattghu l-haddiema tal-Maltacom stess. Inoltre Jimmy Vella stqarr bil-gurament tieghu li t-trinka li hadem fuqha hu ma kinietx twassal sa fejn saret il-hsara. Barra minhekk l-anqas biss giet stabbilita bi precizjoni f`liema trinka grat il-hsara fuq il-cables.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal isib illi s-socjeta` attrici naqset li ggib provi soddisfacenti in sostenn tat-talba taghha partikolarment dwar min tassew kellu jigi ritenut responsabbli ghal hsarat riskontrati fil-cables taghha. Il-provi ta` natura cirkostanzjali minnha mressqa mhux talli ma humiex konklussivi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta izda addirittura jwasslu biex jitfghu dell sostanzjali ta` htija fuq l-impjegati ta` l-istess socjeta` attrici.

In vista tal-premess ghalhekk u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija dan it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta kwindi jirrespingi t-talba attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------